# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D.,**

**LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 55/2022 BS**

**Allan Arun Rayer; Ieva Antoine Rayer**
**f'isimhom proprju kif ukoll**
**għan-nom il-minuri Ezra Antoine Rayer**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Għawdex; u**
**d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Malta**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew:**

1. ILLI l-attur Allan Arun Rayer twieled fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tal-elf disa' mija, tmienja u tmenin (1988) ġewwa St. Joseph Hospital, Pondicherry, l-India [sic], bir-

reġistrazzjoni numru C/1988/00632 (kopja taċ-ċertifikat anness bħala dokument 'A');

2. ILLI l-esponenti żżewwġu [sic] nhar is-seba' (7) [sic] ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) ġewwa s-Sanap Cliffs, [il]-Munxar, Għawdex liema żwieġ huwa reġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku Rabat, Għawdex, u dan skont ma jirriżulta mill-att taż-żwieġ bin-numru ta' reġistrazzjoni tnejn u tmenin żbarra elfejn u tmintax (82/2018), hawn anness u mmarkat bħala dokument 'B';

3. ILLI fuq l-att taż-żwieġ, l-attur Allan Arun Rayer fil-kolonna [i]ntestata bħala isem huwa ġie mniżżel bħala "Allan Arun Rayer" u fil-kolonna [i]ntestata bħala kunjom huwa ġie mniżżel bħala "Antoine Rayer", meta fil-verità u skond [sic] kif anke jidher miċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu anness (dokument 'A') ismu sħiħ huwa "Allan Arun Rayer";

4. ILLI l-kunċett ta' kunjom jew isem tal-familja ma jeżistix fl-Indja u l-ulied jingħataw ismijiet biss. Dan jirriżulta wkoll kemm mil-liċenzja tas-sewqan u miċ-ċertifikat tar-reġistratzzjoni (Form 23A), kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa bħala dokument 'Ċ';

5. ILLI *cio nonostante* meta l-attur Allan Arun Rayer għalaq it-tmintax(18)-il sena w [sic] minħabba l-fatt illi huwa per se m'għandux kunjom, ġie mniżżel fuq il-passaport (anness dokumnet 'D') fil-kolonna [i]ntestata isem bħala "Allan Arun Rayer" u fil-kolonna [i]ntestata kunjom bħala "Antoine Rayer", b'dana illi allura ismu sħiħ ġie jaqra "Allan Arun Rayer Antoine Rayer";

6. ILLI għalhekk minħabba din l-anomalija l-attur Allan Arun Rayer ġie awtomatikament mogħti bħala kunjom isem sħiħ missieru;

7. ILLI dan l-iżball ġie ripetut fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-atturi fuq riferit, dak bin-numru 82/2018;

8. ILLI l-passaport tal-attur Allan Arun Rayer (kopja annessa dokument 'D') fuq riferit ġie kanċellat b'dana illi l-passaport il-ġdid tiegħu (kopja qed tiġi hawn annessa bħala dokument 'E') ġie jirrifletti r-realtà w [sic] ċioè [sic] illi fil-kolonna [i]ntestata isem ġie jaqra "Allan Arun" u fil-kolonna [i]ntestata kunjom ġie jaqra "Rayer;

9. ILLI d-dokumnet ta' residenza Maltija ta' Allan Arun Rayer tirrifletti l-bidla li saret fil-passaport, kopja annessa bħala dokument 'F';

10. ILLI dan l-iżball ġie ripetut fuq l-att tat-twelid ta' iben l-atturi Ezra Rayer, dak bin-numru ta' reġistrazzjoni sitt elef mitejn u ħamsa u tmenin żbarra elfejn u wieħed u għoxrin (6285/2021), liema att ta' twelid huwa reġistrat fl-Uffiċ[ċ]ju tar-Reġistru Pubbliku Malta, fl-Atti tat-Twelid u r-Reġistru ta' Persuni Addottati, hawn anness u markat bħala dokument 'G';

11. ILLI fuq l-att tat-twelid ta' bin l-atturi fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom' kunjom l-iben ġie indikat bħala 'ANTOINE RAYER' flok 'RAYER';

12. ILLI fuq l-istess ċertifikat tat-twelid kunjom l-attriċi Ieva Rayer ġie ukoll [sic] indikat bħala 'ANTOINE RAYER' flok 'RAYER';

13. ILLI fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ bin-numru ta' reġistrazzjoni 82/2018 l-atturi jridu illi kemm isem l-attur Allan Arun Rayer u kif ukoll konjomu jiġu kkorreġuti b'tali mod illi fuq kull fejn jinkorri l-isem "ALLAN ARUN RAYER" dan għandu jiġi sostitwit bl-isem "ALLAN ARUN", u kif ukoll kull fejn jinkorri l-kunjom "ANTOINE RAYER" dan għandu jiġi sostitwit bil-kunjom "RAYER";

14. ILLI fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' binhom Ezra Rayer bin-numru ta' reġistrazzjoni 6285/2021 l-atturi jridu illi kull fejn jinkorri l-kunjom "ANTOINE RAYER" dan għandu jiġi sostitwit bil-kunjom "RAYER";

15. ILLI l-atturi jridu illi jsiru d-debiti korrezzjonijiet kemm fl-att taż-żwieġ relattiv u kif ukoll fl-att ta' twelid ta' binhom Ezra Rayer fis-sens fuq spjegat b'tali mod illi dawn jiġu jaqblu mar-realtà u l-verità;

16. ILLI dan ir-rikors ġuramentat qed isir minn l-atturi minħabba l-fatt illi l-atturi qed ikollhom diversi problemi met jipproduċu kemm kopja ta' l-att [sic] taż-żwieġ u kif ukoll l-att tat-twelid ta' binhom Ezra Rayer;

17. ILLI dan ir-rikors ġuramentat qed isir minn l-atturi w [sic] qed jiġi konfermat bil-ġurament minn l-attur Allan Arun Rayer li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti suesposti.

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara li l-att taż-żwieġ bin-numru tnejn u tmenin żbarra elfejn u tmintax (82/2018), relattiv għaż-żwieġ ta' bejn l-atturi huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għal Għawdex sabiex jagħmel id-debiti korrezzjonijiet tal-att taż-żwieġ fuq imsemmi billi kull fejn jinkorri l-isem "ALLAN ARUN RAYER" dan għandu jiġi sostitwit bl-isem "ALLAN ARUN", u kif ukoll kull fejn jinkorri l-kunjom "ANTOINE RAYER" dan għandu jiġi sostitwit bil-kunjom "RAYER";

3. Tiddikjara li l-atti tat-twelid bin-numru sitt elef mitejn u ħamsa u tmenin żbarra elfejn u wieħed u għoxrin (6285/2021), relattiv għat-twelid ta' binhom Ezra Rayer huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

4. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Malta sabiex jagħmel [i]d-debiti korrezzjonijiet tal-att tat-twelid fuq imsemmi billi kull fejn jinkorri l-kunjom "ANTOINE RAYER" dan għandu jiġi sostitwit bil-kunjom "RAYER".

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex illi eċċepixxa:**

1. ILLI l-esponenti mhux qiegħed jopponi għat-talba tar-rikorrenti sakemm jipprovdi provi tal-fatti esposti fir-rikors promotur u għalhekk qiegħed jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. ILLI mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors u fid-dokumenti hemm mhemuża;

3. ILLI l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti, peress li t-talba tar-rikorrenti mhiex [sic] attriwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tiegħu;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Neil Harrison għan-nom u in rappreżentanza tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Malta illi eċċepixxa:**

1. ILLI qabel xejn għandu jingħad illi hemm nuqqasijiet fl-okkju tal-kawża istanti. Jibda billi jingħad illi l-kunjom li attwalment jappartjeni lir-rikorrenti Ieva huwa Antoine Rayer u mhux Kungyte. In oltre, ir-rikorrenti jagħmlu talbiet fir-rigward ta' binhom Ezra iżda naqsu milli jinkluduh fl-okkju tal-kawża istanti u għalhekk huwa mhux parti f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant l-esponent jissottometti illi sabiex il-ġudizzju jkun wieħed integru għandha tintalab korrezzjoni fl-okkju tal-kawża ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. ILLI l-esponent jissottometti wkoll illi huwa mhux il-leġittimu kontradittur fir-rigward tal-ewwel ewwel żewġ talbiet attriċi stante illi l-att taż-żwieġ in kwistjoni huwa rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku f'Għawdex u mhux f'Malta;

3. ILLI preliminarjament ukoll għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pu[b]blikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

4. ILLI għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

5. ILLI mill-Att tat-Twelid ta' Ezra Antoine Rayer, innumerat 6285/2021, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok. G, jirriżulta illi huwa twieled f'Malta, fid-9 ta' Novembru 2021, lil Allan Arun Rayer u lil Ieva Antoine Rayer nee Kungyte, u li Ezra Antoine Rayer kienu iddikjarati [sic] bħala l-isem u l-kunjom li bihom huwa għandu jiġi msejjaħ. Fl-istess Att tat-Twelid hemm indikazzjoni illi fuq l-Att taż-Żwieġ tal-ġenituri tat-tarbija, isem il-ġenitur (1) huwa indikat bħala Allan Arun Rayer filwaqt li kunjomu huwa indikat bħala Antoine Rayer;

6. ILLI kien il-missier, Allan Arun Rayer, li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid ta' binhom Ezra u li ddikjara kif huwa għandu jiġi msejjaħ. Dan jirriżulta mid-dokumenti relattivi għan-notifika tat-twelid, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, u mill-istess ċertifikat tat-twelid, fejn hemm il-firma tal-missier bħala l-persuna li għamlet id-dikjarazzjoni relattiva;

7. ILLI tajjeb li jiġi kkjarifikat illi kunjom il-ġenitur (2) jidher bħala 'Antoine Rayer' billi huwa l-kunjom li hija assumiet wara ż-żwieġ tagħha mar-rikorrent Allan Arun Rayer, kif

jidher mill-Att taż-Żwieġ innumerat 82/2018 u mill-permess ta' residenza tagħha f'Malta. Jingħad ukoll li kunjom il-minuri jidher bħala 'Antoine Rayer' billi huwa l-isem tal-familja ddikjarat fuq l-istess Att taż-Żwieġ, u għalhekk huwa evidenti li ma sar ebda żball da parti tal-esponent meta rreġistra l-Att tat-Twelid innumerat 6285/2021;

8. ILLI r-rikorrenti pproċedew bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att taż-Żwieġ tagħhom innumerat 82/2018 u fl-Att tat-Twelid ta' binhom innumerat 6285/2021, stante illi huma ddikjaraw li l-kunjom għandu jkun 'Rayer' u mhux 'Antoine Rayer', b'dan tal-aħħar fi kliemhom huwa isem missier ir-rikorrent, li fuq il-passaport tar-rikorrent kien ġie erronjament indikat bħala kunjomu;

9. ILLI l-esponent mill-ġdid itenni illi huwa mhux responsabbli għall-Att taż-Żwieġ li huwa rreġistrat f'Għawdex, u għalhekk m'għandux jiġi mitlub iwettaq l-emendi li r-rikorrenti jitolbu fl-ewwel żewġ talbiet tagħhom;

10. ILLI fir-rigward tat-tielet u tar-raba' talba attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, għalkemm jirrileva illi d-dettalji li jidhru fl-Att tat-Twelid tal-minuri jirriflettu d-dettalji li jidhru fl-Att taż-Żwieġ tal-ġenituri, u għalhekk f'każ li ma jintlaqgħux l-ewwel żewġ talbiet attriċi, lanqas għandhom jintlaqgħu it-tielet [sic] u r-raba' talba għall-finijiet ta' uniformità;

11. ILLI bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

**Il-Qorti;**

**Fliet** l-atti;

**Semgħet** ix-xhieda tal-attur mogħtija fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2022;

Fl-istess jum **semgħet** ukoll it-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-atturi u rat li l-konvenuti ddikjaraw li qed jirrimettu ruħhom għall-atti;

**Rat** li l-kawża ġiet differita għas-sentenza, għal-lum;

**Ikkunsidrat:**

Illi b'din il-kawża, l-atturi qed jitlobu li jsiru tibdiliet fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom kif ukoll fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' binhom Ezra u dan sabiex dawn iċ-ċertifikati jiġu jirriflettu l-kunjom propju tal-attur. Huma jgħidu li llum il-ġurnata kunjom l-attur jinkludi isem missieru "Antoine". L-attur xehed mal-kunjom tiegħu maż-żmien beda jitniżżel isem il-missier però dan ma jikkostitwixxix il-kunjom tal-familja billi fil-każ tiegħu kunjom tal-familja huwa "Rayer" u mhux "Antoine Rayer";

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ser tibda sabiex tqis l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Malta). Rigward l-ewwel eċċezzjoni din hija rigward l-okkju tal-kawża billi l-minuri Ezra Antoine Rayer, ma kienx inkluż fl-okkju mentri t-tielet u r-raba' talbiet tal-atturi tikkonċerna ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu.

Il-Qorti tosserva li l-attur fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 2022 talab korrezzjoni fl-okkju liema talba ġiet debitament akkordata. In vista ta' tali korrezzjoni din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

Rigward it-tieni eċċezzjoni sollevata mid-Direttur Reġistru Pubbliku (Malta), li huwa ma hux leġittimu kontradittur fil-konfront tal-ewwel żewġ talbiet, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqagħha u dana billi mill-atti jirriżulta li l-att taż-żwieġ huwa reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex u mhux Malta.

Tosserva wkoll li l-pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 254 saret debitament skont il-Liġi[1] u għalhekk ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbiku (Malta).

Rigward il-mertu l-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm l-Liġi tipprovdi għal sitwazzjonijiet fejn persuna tista' tbiddel isimha jew kunjomha, dan ma japplikax f'każijiet meta min jitlob il-korrezzjoni jkun qed jagħmel użu minn kunjom differenti kapriċċjożament. Din il-fehma hija in linea ma prinċipju ormai stabbilit mill-Qrati Maltin illi kif inhi l-Liġi Maltija ma hix

[1] A fol. 42 sa fol. 44 tal-proċess.

prevista l-possibbiltà li dak li jkun jista' bis-sempliċi volontà tiegħu jippretendi li jista' jibdel kunjomu jew jeżiġi rettifika f'dan is-sens anke jekk għalih ikun jissarraf bħala xi sinjal distintiv tal-identità tiegħu.[2]

Infatti l-pożizzjoni legali hija fis-sens li *"ma huwiex regolari, fis-silenzju tal-ligi taghna, li marte proprio wiehed jadotta kunjom gdid jew kapriccjozament ivarja kunjomu fil-mentri li jinsab registrat taht kunjom iehor."*[3]

Fil-każ li għandha quddiemha llum din il-Qorti jirriżulta li kunjom l-atturi huwa "Rayer" billi dan huwa l-kunjom tal-familja tal-attur Allan Arun. Madankollu ma' dan il-kunjom kien żdied il-kelma "Antoine". Din iż-żieda seħħet l-Indja li huwa l-pajjiż fejn twieled l-attur imsemmi, però tali żieda ma hix parti mill-kunjom tal-familja iżda hija isem missier l-attur. Tant hu hekk illi miċ-ċertifikat tat-twelid tal-attur[4] jirriżulta ben ċar illi isem l-attur ma jinkorporax fih il-kelma "Antoine". Anzi jirriżulta wkoll li "Antoine" huwa isem missier l-attur u li kunjom missieru huwa infatti "Rayer" u mhux "Antoine Rayer". Għalhekk l-atturi jinsistu li l-kelma "Antoine" ma tikkostitwixxix parti mill-kunjom tal-familja u li dan il-kunjom huwa biss "Rayer". Għalhekk jitolbu li l-kelma "Antoine" titneħħa.

Għalkemm, mir-rikors ġuramentat ma jirriżultax l-Artikolu li fuqu l-attriċi qed tibni l-azzjoni tagħha l-Qorti hija tal-fehma, u dan minn qari tal-premessi u t-talbiet fl-istess rikors illi skont ir-rikors promotur l-azzjoni tar-rikorrenti hija mibnija fuq l-

[2] Nardu Balzan Imqareb -vs- Direttur tar-Reġistru Pubbliku, deċiża Prim'Awla, 30 ta' Ġunju, 2004.
[3] Karmnu Balzan Imqareb -vs- Margaret Mortimer nomine, Appell Ċivili, deċiża fl-20 ta' Novembru 1971.
[4] A fol. 5 tal-proċess.

artikolu 253(2) tal-Kap 16. Dan l-artikolu jaghti s-seta' li ssir talba ġudizzjarja sabiex ikun hemm bidla limitatament fl-isem u mhux fil-kunjom ukoll. Dwar dan, fis-sentenza appena ċitata l-Onorabbli Qorti ngħad illi *"L-Artikolu 253 tal-Kodici Civili, għal liema l-konvenut jaghmel espressa referenza kemm fl-eccezzjonijiet tiegħu kif ukoll fis-sottomissjonijiet, jippresupponi zewg konsiderazzjonijiet. Il-wahda, li jirreferi restrittivament għal talba għall-korrezzjoni fl-isem biss, u t-tieni nett, illi si tratta ta' att vizzjat minhabba xi rregolarità;"*

Il-Qorti tqis li llum jirriżulta paċifiku li l-Artiklu preċitat jippermetti korrezzjonijiet fl-isem (il-prenom) ta' persuna, u mhux fil-kunjom. Infatti ġie deċiż illi *"Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-artiklu 253 tal-Kap 12 – għalkemm lingwistikament huwa minnu li jista' wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna kien u hu biss għallfini tal-precitat artiklu 253 cirkoskritt għal dak li bl-ingliz jissejjah "first name" jew "name to be called" – a differenza ta' dak li hu kunjom jew "surname". Fil-lingwa Franciza, bħala f'ilsna ohra,tinzamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjah "prenom" minn dak li hu "nom de famille". Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll għal "dixxendenti ulterjuri", però din hija "lapsus", oppure kopertura tal-possibilità li kemm-il darba isem ta' axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, "Paul"għal "Joseph", tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa' tigi annotata. Però mid-dibattiti parlamentari jemergi li "ratio legis" kien dak biss li jaghmilha possibbli li f'kazi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jigi mibdul – imma mhux il-kunjom, ammeno che ma jkunx hemm zball."*[5]

[5] Damian Damian Schembri -vs- Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Prim'Awla, deċiż 1 ta' Frar 2001.

Dik l-istess Qorti kompliet: *"Id-diversi sentenzi citati mill-attur juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta' inklużjoni ta' kunjom genitur imma qatt ma accettaw bdil jew żieda ta' kunjom jekk mhux ghax ikun sar zball x'imkien. Il-kunjomijiet "Magro" u "Magri", imsemmijin mill-attur fil-kawza citata minnu, dejjem gew meqjusa bħala differenti minn xulxin. Għalhekk jekk xi hadd ikun ġie mnizzel bħala "Magro"minflok "Magri", jew vice-versa, ikun jammonta għal zball u bħala tali jkun soggett għall-korrezzjoni jekk l-izball jigi ppruvat.*

*Illi dan ifisser li t-talba tal-attur tinvolvi verament talba għall-bdil tal-kunjom tiegħu, li ma hijiex permessa mill-ligi,la darba jirrizulta li huwa ha naturalment il-kunjom tal-missier naturali tiegħu indikat fl-att tat-twelid tiegħu relattiv, u dan huwa wkoll ikkonfermat fuq dak li inghad fis-sentenza "Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et" (AC 29 ta' Novembru 1971) li għaliha qed issir referenza."*

Matul iż-żmien il-pożizzjoni riġida adottata mill-Qrati nbidlet u aktar riċenti l-Qrati addottaw aktar flessibbiltà entro ċerti limiti. Infatti minn qari tal-ġurisprudena huwa ċar illi l-Qrati nostrani jagħmlu differenza bejn każijiet fejn it-tibdil fil-kunjom qed jintalab b'riferenza għall-kunjom li m'għandux konnessjoni mar-rabta familjari tal-attur, u każijiet oħra fejn hu meqjus fid-dawl tar-rigorożità fejn tali rabta hija evidenti li l-interessi ta' terzi mhumiex preġudikati.

Infatti l-Qrati addottaw interpretazzjoni ristrettiva meta mill-fatti ppreżentati kien ċar illi t-talba magħmula kienet indubbjament fiergħa u privi minn kwalsiasi korrelazzjoni bejn il-kunjom li l-attur xtaq jaddotta u l-kunjom familjari. Tant hu hekk li fil-każ ta' Nardu Balzan Imqareb il-Qorti qalet hekk: *"Dan premess, jidher in linea ta' principju komunement accettat illi l-*

*isem u l-kunjom li bihom persuna hi konoxxuta skont il-precitati atti ma jistghux jiġu modifikati, hlief meta xort' ohra provvdut mil-ligi nnifisha. Dawn il-modifiki, meta konsentiti espressament mil-ligi, huma previsti f' dawk ic-cirkostanzi korrelatati maggorment ma' rapport familjari (Ad.es.it-tibdiliet konsentiti fil-kaz ta' adozzjoni, denegata paternita, jew rikonoxximent ta' paternita')."*

Imbagħad il-Qorti tal-Appell sostniet li:

*"Qatt ma kien il-hsieb tal-legislatur li jawtorizza bdil fil-kunjomijiet. Kif ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Frar, 1947 fl-ismijiet "Joseph Cutajar vs 3 Avv. Dr. John Scicluna noe" – sentenza li, ncidentalment, ma segwietx sentenza precedenti tal-Prim Awla tal-31 ta' Ottubru, 1930 fl-ismijiet "Michele Mc Lean già Abdilla vs Notaro Salvatore Cremona nomine et", din ta' l-ahhar citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti aktar recentement fis-sentenza, li għaliha jaghmel hafna referenza l-appellant, u cioè "John Zammit maghruf bħala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku", 2 ta' Marzu, 1994:*

*"…hija haga maghrufa illi l-ligijiet ta' l-istat civili, bir-registrazzjoni ta' l-attijiet tat-twelid u taz-zwieg, kif ukoll tal-mewt, hija haga wisq importanti għall-hajja civili tas-socjetà, peress illi minn dawk l-annotazzjonijiet jiddependu hafna drittijiet tac-cittadini. Issa l-kunjom ta' familja, kif inhu l-partimonju ta' l-individwu, li l-familja ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-patrimonju tal-familja li ghandha certu nteress li l-membri taghha jkunu maghrufa b'dak il-kunjom; u huwa wkoll patrimonju tas-socjetà d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta' kull socjetà, u għalhekk teoritikament ma jistax ikun permess lil persuna, l-għaliex il-kunjom taghha ma joghgobhiex, taghzel kunjom iehor li jidhrilha li hu isbah, u forsi izjed skond l-idejat moderni prevalenti, u taddotta "marte proprio" dak il-*

*kunjom gdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni fis-socjetà, jekk kwantità kbira ta' cittadini juzaw minn dak, jekk huwa dritt.*"[6]

Tenur kont ta dawn l-insenjamenti l-Qorti tqis li l-każ li għandha quddiemha llum ma hux każ fejn l-atturi qed jivvantaw talbiet frivoli u kapriċċużi. Il-Qorti lanqas ma tqis li d-drittijiet ta' terzi ser jiġu preġudikati jekk it-talbiet tal-atturi jiġi milqugħa u għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqagħhom. Ser tilqa' wkoll it-talba tal-atturi sabiex ikun hemm korrezzjoni fl-isem tal-attur fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ billi dan ma hux "Allan Arun Rayer" iżda "Allan Arun" għas-sempliċi raġuni illi "Rayer" huwa l-kunjom tal-attur u mhux ismu.

Li jirriżulta iżda mid-dokumenti esibiti huwa li kunjom ġie reġistrat kif inhu mhux riżultanza ta' xi nuqqas tad-Diretturi konvenuti u għalhekk dan ser jiġi rifless fl-ispejjeż.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u l-motivi ġa espressi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut Direttur Reġistru Pubbliku (Malta);

2) Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Malta) u filwaqt li tiddikjarah mhux leġittimu kontradittur fil-konfront tal-ewwel u t-tieni talbiet tal-atturi tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tal-istess talbiet;

[6] Damien Damien Schembri -vs- Direttur Registratur Pubbliku, *supra.*

3) Tilqa' t-talbiet tal-atturi kif ġej :

i) Tiddikjara li l-att taż-żwieġ bin-numru tnejn u tmenin żbarra elfejn u tmintax (82/2018), huwa skorrett ;

ii) Tordna għalhekk lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex) biex jagħmel id-debiti korrezzjonijiet tal-att taż-żwieġ imsemmi billi kull fejn jinkorri l-isem "ALLAN ARUN RAYER" dan għandu jiġi sostitwit bl-isem "ALLAN ARUN", u kif ukoll kull fejn jinkorri l-kunjom "ANTOINE RAYER" dan għandu jiġi sostitwit bil-kunjom "RAYER";

iii) Tiddikjara li l-atti tat-twelid bin-numru sitt elef mitejn u ħamsa u tmenin żbarra elfejn u wieħed u għoxrin (6285/2021), ta' binhom Ezra Rayer huwa skorrett;

iv) Tordna għalhekk lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Malta biex jagħmel id-debiti korrezzjonijiet tal-att tat-twelid imsemmi billi kull fejn jinkorri l-kunjom "ANTOINE RAYER" dan għandu jiġi sostitwit bil-kunjom "RAYER".

L-ispejjeż tal-kawża jkunu kollha a karigu tal-atturi.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur